

*Nefaħ fuqhom l-Ispirtu s-Santu*
*għall-maħfra tad-dnubiet* (*ara Ġw* 20, 22-23)

# Velja Djoċesana ta' Pentekoste

## Is-Sibt 11 ta' Ġunju 2011

**Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri, Nadur**
**(wara l-Bażilika)**

# IR-RITI TAL-BIDU

**<u>Kant: Spirtu Qaddis</u>**

Spirtu Qaddis tal-Mulej
dawwal lil moħħna, lil qalbna biss bik,
kun għalina s-serħ, milja ta' kull ferħ.
Qawwi lil ruħna, Mulej.

Spirtu tal-paċi tal-għerf,
Għallimna nħobbu u naħfru bla rbit,
ġedded wiċċ il-art
fejjaq minna l-mard.
Ejja, aħjina, Mulej.

Spirtu ta' faraġ, ta' dawl,
il-għawġ dallamna, farrakna bis-sħiħ.
'Tina l-għerf meħtieġ,
nagħrfu nimxu t-triq
biex ngħixu ħajja fis-sliem.

Spirtu ta' mħabba bla qies,
lilek foħrija, minn qalbna nagħtuk,
flimkien mal-Missier,
ma' Ġesù l-ħellies,
Lilkom kull glorja. Ammen.

*Wara l-inċensazzjoni tal-altar issir iċ-ċerimonja tad-Dawl.*

**<u>IĊ-ĊERIMONJA TAD-DAWL</u>** (mil-Liturġija Biżantina)

Ċel: O Alla li tgħammar f'dawl li ħadd ma jista' jersaq lejh!
Int tajt il-ħajja lil kull ħlejqa
u waqt li fridt id-dawl mid-dlam
poġġejt ix-xemx biex trieġi l-jum
u l-qamar u l-kwiekeb biex irieġu l-lejl.
Int tagħtina li llum noqogħdu quddiemek
biex infaħħru l-Isem tiegħek
u biex noffrulek it-tifħir ta' filgħaxija:
ilqgħu bħal fwieħa li tgħaxxaq.
Agħtina lejl ta' sliem;
libbisna bl-armi tiegħek tad-dawk
u eħlisna mid-dlamijiet tad-dnub.
Agħtina l-mistrieħ, li inti tajtna
bħala serħan fid-dgħufija tagħna.
Agħmel li anke matul dan il-lejl
aħna niftakru fl-Isem qaddis tiegħek,
u li nqumu fid-dawl tal-kmandamenti tiegħek
biex nagħtuk glorja,
int li int imbierek għal dejjem ta' dejjem.

*Min-nar tal-Blandun, iċ-ċelebrant jixgħel 15-il fjakkla, li jirrappreżentaw il-komunitajiet parrokkjali tad-Djoċesi. F'dan il-waqt isir il-kant:*

**<u>Kant: Shine, Jesus, Shine</u>**

Lord, the light of your love is shining,
in the midst of the darkness shining.
Jesus, light of the world, shine upon us,
set us free by the truth you now bring us.
Shine on me, shine of me!

**Rit.** Shine, Jesus, shine
fill this land with the Father's glory.
Blaze, Spirit, blaze
set our hearts on fire.
Flow, river, flow,
flood this nation with grace and mercy.
Send forth your word, Lord,
and let there be light.

Lord, I come to your awesome presence,
from the shadows into your radiance,
by the light may I enter your darkness.
Search me, try me, consume all my darkness.
Shine on me, shine on me! **Rit.**

## RADD TAS-SALIB U TISLIMA MIĊ-ĊELEBRANT

Ċel: Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
**Ġem: Ammen.**

Ċel: Il-Mulej, it-tama tagħna,
li jsawwab fuqna l-ferħ u s-sliem
u li jqawwina bl-Ispirtu s-Santu,
ikun magħkom ilkoll.
**Ġem: U miegħek ukoll.**

## STQARRIJA TAL-ĦTIJIET U TALBA TA' MAĦFRA

Ċel: Għeżież, fi tmiem din is-sena pastorali, fejn bħala Knisja rriflettejna fuq id-don tas-Sagrament tal-Maħfra li permezz tiegħu ningħaqdu mill-ġdid mal-Missier u mal-aħwa, ejjew nerfgħu t-talba tagħna lil Alla Trinità,

biex permezz ta' Kristu rxuxtat ikompli jissawwab fuqna u fuq id-dinja kollha l-Ispirtu tal-maħfra.

**L-ewwel invokazzjoni ta' maħfra** (minn Salm 38:2-5)

Ċel: Mulej, la ċċanfarnix fil-korla tiegħek,
la twiddibnix fis-saħna tiegħek!
Għax il-vleġeġ tiegħek daħlu fija, u idek tagħfas fuqi.
Xejn mhu sħiħ f'ġismi minħabba l-għadab tiegħek;
m'hemmx saħħa f'għadmi minħabba ħtijieti.
Għax dnubieti telgħu 'l fuq minn rasi,
bħal toqol kbir għalija jagħfsu fuqi.

Kant: **Kyrie, eleison. Christe, eleison. Kyrie, eleison.**

**It-tieni invokazzjoni ta' maħfra** (minn Salm 51:3-6)

Ċel: Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.
Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi;
naddafni mid-dnub tiegħi.
Għax jien nagħrafhom ħtijieti;
id-dnub tiegħi dejjem quddiemi.
Kontrik biss jiena dnibt,
u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt.

Kant: **Kyrie, eleison. Christe, eleison. Kyrie, eleison.**

**It-tielet invokazzjoni ta' maħfra** (minn Salm 79:8-9)

Ċel: Tiftakrilniex il-ħtijiet ta' l-imgħoddi;
fittex ejja u lqagħna bi ħnientek,
għax ninsabu mifnija għall-aħħar.
Għinna, o Alla, Salvatur tagħna,
f'ġieħ is-sebħ tal-isem tiegħek;

eħlisna u aħfrilna dnubietna,
minħabba l-isem tiegħek.

Kant: **Kyrie, eleison. Christe, eleison. Kyrie, eleison.**

Ċel: Iħenn għalina Alla li jista’ kollox, jaħfrilna dnubietna, u jwassalna għall-ħajja ta’ dejjem.

Ġem: **Ammen**.

# LITURĠIJA TAL-KELMA

Ċel: Ħuti għeżież, aħna tajna bidu solenni għaċ-ċelebrazzjoni ta' din il-velja qaddisa. Ejjew issa ninġabru ħalli nisimgħu l-Kelma ta' Alla. Inħejju lilna nfusna billi, bi kliem San Ġorġ Preca, flimkien nitolbu lill-Ispirtu s-Santu jħeġġeġ il-qalb tagħna.

**Ġem: Spirtu Santu Alla, li minnek divinament ispirati tkellmu l-bnedmin qaddisin biex jgħarrfuna x'għandna nemmnu u x'għandna nagħmlu jekk irridu l-ħajja ta' dejjem; agħtina, nitolbuk, is-sens biex nifhmu l-kliem tal-verità eterna, u agħtina l-grazzja tiegħek biex inkunu nistgħu nagħrfu u nagħmlu dak li jogħġob lilek. Int li tipproċedi mill-Missier u mill-Iben, li flimkien tgħixu u ssaltnu fl-unità tan-natura u fit-Trinità tal-Persuni, Bidu u Tmiem. Ammen.**

*Kulħadd joqgħod bilqiegħda.*

## L-EWWEL QARI

Lett: Qari mill-ktieb tal-Ġenesi (Ġen 11:1-9).

L-art kollha kienet ilsien wieħed u kliem wieħed. Meta l-bnedmin telqu mil-Lvant sabu wita f'art Singħar u baqgħu hemm. U qalu wieħed lil-ieħor: "Ejjew nagħmlu l-madum u naħmuh sewwa!". U l-madum kienu jużawh flok il-ġebel, u l-qatran flok it-tajn. U reġgħu qalu: "Ejjew nibnu belt għalina, u torri, bil-quċċata tiegħu tilħaq is-smewwiet, u nagħmlu isem għalina, ħalli ma nixterdux mal-wiċċ kollu tal-art".

U l-Mulej niżel jara l-belt u t-torri li kienu qegħdin jibnu l-bnedmin. U l-Mulej qal: "Arahom, poplu wieħed u lsien

wieħed għalihom ilkoll. U dan għadu l-bidu ta' xogħolhom; issa kull ma jiġihom f'rashom xejn ma jaqtgħalhom qalbhom! Ejja, ħa ninżlu u nħabblulhom ilsienhom, ħalli ma jifhmux ilsien xulxin".

U l-Mulej xerridhom minn hemm għal fuq wiċċ l-art kollha, u waqfu mill-bini tal-belt. Għalhekk bdew isejħulha Babel, għax hemm ħawwad il-Mulej ilsien l-art, u minn hemm xerridhom il-Mulej mal-wiċċ kollu tal-art.

Il-Kelma tal-Mulej.
**Ġem: Irroddu ħajr lil Alla.**

## SALM RESPONSORJALI (SALM 32)

Kantur: Il-Mulej isaltan fuq il-popli kollha.
**Ġem: Il-Mulej isaltan fuq il-popli kollha.**

Lett: Il-Mulej ixejjen il-fehmiet tal-ġnus,
ifixkel il-ħsibijiet tal-popli.
Imma l-fehma tal-Mulej tibqa' għal dejjem,
minn żmien għal żmien il-ħsibijiet ta' moħħu.

**Ġem: Il-Mulej isaltan fuq il-popli kollha.**

Lett: Hieni l-ġens li l-Mulej hu Alla tiegħu,
il-poplu li hu għażel b'wirtu.
Mill-għoli tas-smewwiet iħares il-Mulej,
u jara l-bnedmin kollha.

**Ġem: Il-Mulej isaltan fuq il-popli kollha.**

Lett: Mill-post fejn jgħammar jistħarreġ
fuq dawk kollha li jgħixu fuq l-art.
Hu jsawwar il-qalb ta' kull wieħed,
u jagħraf għemilhom kollu.

**Ġem:** **Il-Mulej isaltan fuq il-popli kollha.**

## <u>TALBA</u>

*Kulħadd iqum bilwieqfa.*

Ċel: Nitolbu.
Sawwab fuqna, Missier Qaddis,
il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu,
biex il-bnedmin kollha,
filwaqt li jfittxu dejjem l-għaqda ta' bejniethom,
iwarrbu kull mibegħda,
biex fid-dinja jkun hawn familja waħda
li b'leħen wieħed
tfaħħar lil Kristu, il-Mulej.
Hu li hu Alla, u miegħek jgħix u jsaltan
flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
għal dejjem ta' dejjem.

**Ġem:** **Ammen.**

*Kulħadd joqgħod bilqiegħda.*

## <u>IT-TIENI QARI</u>

Lett: Qari mill-ktieb tal-Eżodu (Eż 19:3-8,16-20).

F'dak iż-żmien, Mosè tala' ħdejn Alla, u l-Mulej sejjaħlu mill-muntanja u qallu: "Dan għid lil dar Ġakobb u għarraf lil ulied Israel: 'Rajtu intom x'għamilt lill-Eġizzjani, u kif lilkom ġarrejtkom fuq il-ġwienaħ tal-ajkli u ressaqtkom lejja. Issa, jekk tisimgħu leħni u żżommu l-patt tiegħi, intom tkunu l-wirt tiegħi minn fost il-popli kollha, għax l-art kollha tiegħi. Intom

tkunu għalija saltna ta' qassisin u ġens qaddis'. Dan hu l-kliem li tgħid lil ulied Israel".

Imbagħad Mosè mar sejjaħ lix-xjuħ tal-poplu, u qegħdilhom quddiemhom dan il-kliem kollu li ordnalu l-Mulej. U l-poplu kollu wieġeb b'leħen wieħed u qalu: "Kull ma qal il-Mulej aħna nagħmluh". U Mosè ressaq kliem il-poplu quddiem il-Mulej.

Fit-tielet jum mas-sebħ kien hemm ragħad u beraq, u sħab oħxon għatta l-muntanja. Instama' wkoll iż-żarżir qawwi tat-tromba, u triegħed il-poplu kollu fil-kamp. Mosè ħareġ il-poplu mill-kamp biex jiltaqgħu ma' Alla; u waqfu f'riġlejn il-muntanja. Il-muntanja tas-Sinaj bdiet iddaħħan kollha kemm hi, għax niżel fuqha l-Mulej fin-nar. Id-duħħan beda tiela' 'l fuq bħad-duħħan tal-forn, u l-muntanja kienet titheżheż kollha. Kull ma jmur id-daqq tat-tromba kien dejjem jitqawwa. Imbagħad tkellem Mosè, u Alla wieġbu b'ragħda. U niżel il-Mulej fuq il-quċċata tal-muntanja tas-Sinaj, u l-Mulej sejjaħ lil Mosè biex jitla' fuq il-quċċata tal-muntanja u Mosè tela'.

Il-Kelma tal-Mulej.

**Ġem:** **Irroddu ħajr lil Alla.**

## <u>Salm Responsorjali (Salm 102)</u>

Kantur: Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej..

**Ġem:** **Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej.**

Lett: Hu li jaħfer dnubietek kollha,
ifejjaq il-mard tiegħek kollu;
jifdi lil ħajtek mill-qabar,
iħaddnek bit-tjieba u l-ħniena;
ixabba' bil-ġid snin ħajtek.

**Ġem:** **Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej.**

Lett: Il-Mulej jagħmel is-sewwa
u l-ħaqq mal-maħqurin kollha.
Hu għarraf lil Mosè l-ħsieb tiegħu,
l-għemejjel tiegħu lil ulied Israel.

**Ġem: Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej.**

Lett: Ħanin u twajjeb il-Mulej,
idum ma jagħdab u kollu mogħdrija.
Ma joqgħodx jitlewwem magħna,
u anqas ma jinkorla għal dejjem.

**Ġem: Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej.**

## TALBA

*Kulħadd iqum bilwieqfa.*

Ċel: Nitolbu.
O Alla tal-Patt il-Qadim u l-Ġdid,
li għarraft lilek innifsek permezz tan-nar
fuq il-muntanja qaddisa
u nhar Għid il-Ħamsin:
eqred f'ħuġġieġa nar
is-suppervja u l-għira tagħna,
u kebbes fina n-nar ta' mħabbtek,
biex Israel il-ġdid, b'fehma waħda,
jilqa' bil-ferħ il-liġi dejjiema ta' mħabbtek.
B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,
li miegħek jgħix u jsaltan,
flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
għal dejjem ta' dejjem.

**Ġem: Ammen.**

*Kulħadd joqgħod bilqiegħda.*

## <u>IT-TIELET QARI</u>

Lett: Qari mill-ktieb tal-Profeta Eżekjel (Eżek 37:1-14).

F'dak iż-żmien ġiet fuqi id il-Mulej u ħaditni fl-Ispirtu tal-Mulej u qegħditni f'nofs il-wied. Dan kien miżgħud bl-għadam. Huwa għaddieni dawramejt madwarhom, u kien hemm kotra kbira mxerrda mal-wied, u kienu kollha niexfa qoxqox.

U l-Mulej qalli: "O bniedem, jista' dan l-għadam jerġa jieħu l-ħajja?". Jien weġibt: "Sidi Mulej, dan inti tafu". U qalli: "Ħabbar lil dan l-għadam u għidlu: 'O għadam niexef, isma' l-Kelma tal-Mulej. Hekk qal Sidi l-Mulej: "Ara, jien se nġib fik ir-ruħ, inti terġa' tgħix. U nqiegħed fik in-nervi, u ntellagħlek il-laħam, u niksik bil-ġilda, u nqiegħed fik ir-ruħ. U inti terġa' tgħix, u tkun taf li jiena l-Mulej"'".

Imbagħad ħabbart kif ordnali. U jiena u nħabbar instema' ħoss, u ara, l-għadam tqanqal, u kollha bdew resqin lejn xulxin, għadma lejn għadma. Jien ħarist, u ara, ġew fihom in-nervi, tela' l-laħam u nksew bil-ġilda. Imma ruħ ma kienx hemm fihom. U qalli: "Ħabbar lir-ruħ, ħabbar, o bniedem, u għid lir-ruħ: 'Hekk qal Sidi l-Mulej: "Ejja, ruħ, mill-erbat irjieħ tad-dinja, onfoħ fuq dawn il-mejtin, ħa jerġgħu jieħdu l-ħajja"'". Jien ħabbart kif ordnali, u r-ruħ daħlet fihom, u reġgħu ħadu l-ħajja, u waqfu fuq riġlejhom, eżerċtu kbir fuq li kbir.

U qalli: "O bniedem, dan l-għadam huwa d-dar kollha ta' Israel. Ara, huma jgħidu: 'Nixef għadamna, it-tama tagħna għabet, inqridna għal kollox'. Għalhekk ħabbrilhom u għidilhom: 'Hekk qal Sidi l-Mulej: "Ara, jiena niftaħ l-oqbra tagħkom u ntellagħkom mill-oqbra tagħkom, poplu tiegħi. U jiena nqiegħed ruħi fikom, u terġgħu tieħdu l-ħajja.

Inqegħidkom f'artkom u tkunu tafu li jiena l-Mulej. Hekk għidt, u hekk nagħmel; oraklu tal-Mulej"'".

Il-Kelma tal-Mulej.

**Ġem: Irroddu ħajr lil Alla.**

## **<u>SALM RESPONSORJALI (SALM 51)</u>**

Kantur: Oħloq fija qalb safja, o Alla.
**Ġem: Oħloq fija qalb safja, o Alla.**

Lett: Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.
Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi;
naddafni mid-dnub tiegħi.

**Ġem: Oħloq fija qalb safja, o Alla.**

Lett: Int li tħobb il-qalb sinċiera,
għallimni l-għerf fil-fond ta' qalbi.
Roxxni bl-ilma u nissaffa,
aħsilni u aktar mis-silġ nibjad.

**Ġem: Oħloq fija qalb safja, o Alla.**

Lett: Oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija.
La twarrabnix minn quddiemek,
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek.

**Ġem: Oħloq fija qalb safja, o Alla.**

## **<u>TALBA</u>**

*Kulħadd iqum bilwieqfa.*

Ċel: Nitolbu.
O Alla, Missier u ħallieq ta' kollox,
onfoħ fuqna dak in-nifs tiegħek,
li fil-bidu tad-dinja kien jittajjar fuq wiċċ l-ibħra,
biex qalbna u moħħna
jkunu dejjem mimlija bik,
u dakinhar ta' tmiem il-mixja tagħna fuq din l-art

tqajjem lil ġisimna għall-ħajja bla tmiem.
B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,
li miegħek jgħix u jsaltan,
flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
għal dejjem ta' dejjem.

**Ġem:** **Ammen.**

*Kulħadd joqgħod bilqiegħda.*

## IR-RABA' QARI

Lett: Qari mill-ktieb tal-Profeta Ġoel (Ġoel 3:1-5).

Dan jgħid il-Mulej:
"Jiena nsawwab l-ispirtu tiegħi fuq il-ħlejjaq kollha.
Uliedkom iħabbru, subien u bniet,
ikollhom ħolm ix-xjuħ tagħkom,
iż-żgħażagħ tagħkom jaraw viżjonijiet.
U fuq l-ilsiera wkoll, irġiel u nisa,
insawwab l-ispirtu tiegħi f'dawk il-jiem.
Fis-sema u l-art nuri sinjali,
demm u nar u kolonni ta' duħħan!".
Ix-xemx tinbidel fi dlam
u l-qamar f'demm
qabel ma jasal jum il-Mulej,
kbir u tal-biża'!
Jeħlisha kull min isejjaħ isem il-Mulej;
għaliex fuq il-muntanja ta' Sijon u Ġerusalemm
ikun hemm il-meħlusin,
kif qal il-Mulej;
u fost il-maħrubin
ikun hemm min isejjaħlu l-Mulej.

Il-Kelma tal-Mulej.

**Ġem:** **Irroddu ħajr lil Alla.**

## <u>SALM RESPONSORJALI (SALM 104)</u>

Kantur: Ibgħat, Mulej, l-Ispirtu tiegħek, u ġedded il-wiċċ tal-art.
**Ġem: Ibgħat, Mulej, l-Ispirtu tiegħek, u ġedded il-wiċċ tal-art.**

Lett: Inti frixt is-smewwiet bħal tinda,
waqqaft fuq l-ilma l-għamajjar għolja tiegħek.
Int tagħmel is-sħab mirkeb tiegħek,
fuq ġwienaħ ir-riħ tiġġerra.

**Ġem: Ibgħat, Mulej, l-Ispirtu tiegħek, u ġedded il-wiċċ tal-art.**

Lett: L-għejjun tiftħilhom għal ġol-widien,
u huma jiġru qalb l-għoljiet.
Jisqu l-bhejjem kollha tar-raba',
u l-ħmir selvaġġi jaqtgħu l-għatx tagħhom.

**Ġem: Ibgħat, Mulej, l-Ispirtu tiegħek, u ġedded il-wiċċ tal-art.**

Lett: Jekk taħbi wiċċek, huma jinfixlu;
jekk teħdilhom nifishom, imutu,
u lejn it-trab jerġgħu jmorru.
Malli tibgħat in-nifs tiegħek jinħolqu,
u inti ġġedded il-wiċċ tal-art.

**Ġem: Ibgħat, Mulej, l-Ispirtu tiegħek, u ġedded il-wiċċ tal-art.**

Lett: Jibqa' sebħ il-Mulej għal dejjem!
Jifraħ il-Mulej bl-għemejjel tiegħu!
Kif hu jħares lejn l-art titheżheż;
kif imiss l-għoljiet, idaħħnu.

**Ġem: Ibgħat, Mulej, l-Ispirtu tiegħek, u ġedded il-wiċċ tal-art.**

## TALBA

*Kulħadd iqum bilwieqfa.*

Ċel: Nitolbu.
Agħti widen, Mulej, għas-sejħa tal-Knisja tiegħek,
magħquda f'talba waħda f'din il-velja qaddisa.
Sawwab fuqha l-Ispirtu qaddis tiegħek,
ħa jdawwal l-imħuħ ta' dawk kollha
mwielda mill-ġdid bil-Magħmudija,
biex jagħtu xhieda profetika.
B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,
li miegħek jgħix u jsaltan,
flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
għal dejjem ta' dejjem.
**Ġem: Ammen.**

## Kant: Glorja

*Mal-kant tal-Glorja tinxtegħel il-koppla tal-knisja.*

***Rit: Gloria. Gloria in excelsis Deo.***
***Gloria. Gloria in excelsis Deo.***

Solista: U paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba.
Infaħħruk, inberkuk, nadurawk, nagħtuk ġieħ.
Irroddulek ħajr għall-glorja kbira tiegħek.
Mulej Alla, Sultan tas-sema, Alla Missier li tista' kollox.

***Rit: Gloria. Gloria in excelsis Deo.***
***Gloria. Gloria in excelsis Deo.***

Solista: Mulej Iben waħdieni, Ġesù Kristu,
Mulej Alla, Ħaruf t'Alla, Bin il-Missier.
Int li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ħenn għalina.
Int li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ilqa' t-talb tagħna.

***Rit:*** ***Gloria. Gloria in excelsis Deo.***
***Gloria. Gloria in excelsis Deo.***

Solista: Int li qiegħed fuq il-lemin tal-Missier, ħenn għalina.
Għaliex int waħdek Qaddis, int waħdek Mulej.
Int waħdek l-Għoli Ġesù Kristu,
mal-Ispirtu s-Santu fil-glorja tal-Missier Alla. Ammen.

***Rit:*** ***Gloria. Gloria in excelsis Deo.***
***Gloria. Gloria in excelsis Deo.***

## KOLLETTA

Ċel: Nitolbu.
O Alla ta' dejjem li tista' kollox,
inti tridna niċċelebraw il-misteru kollu tal-Għid
bħala festa waħda kbira
matul iż-żmien qaddis ta' ħamsin jum;
agħmel li l-ġnus imxerrda, kull wieħed bi lsien għalih,
bil-grazzja tiegħek ikunu ġemgħa bejniethom
fl-istqarrija waħda ta' ismek.
B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,
li miegħek jgħix u jsaltan,
flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
għal dejjem ta' dejjem.
**Ġem:** **Ammen.**

## IL-ĦAMES QARI

Lett: Qari mill-ktieb tal-Atti tal-Appostli (Atti 2:1-11).

Kien nhar Għid il-Ħamsin, u l-Appostli u l-aħwa kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, li mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skond ma l-Ispirtu s-Santu kien jagħtihom li jitkellmu.

Mela f'Ġerusalemm kienu jgħixu xi Lhud twajba, li kienu ġew hemm minn kull nazzjon li hawn taħt is-sema. Malli nstema' dan il-ħoss, inġabret ġemgħa ta' nies, ilkoll imħawdin għax kull wieħed minnhom kien jisma' l-Appostli jitkellmu bl-ilsien tiegħu.

Dawn, mibluhin u mistagħġbin, bdew jgħidu: "Dawn li qegħdin jitkellmu m'humiex kollha mill-Galilija? Mela kif kull wieħed minna qiegħed jismagħhom jitkellmu bi lsien art twelidu? Partin, Medin u Għelamin, nies li ġew mill-Mesopotamja, mil-Lhudija, mill-Kappadoċja, minn Pontu, mill-Asja, mill-Friġja, minn Pamfilja, mill-Eġittu, mill-inħawi tal-Libja madwar Cirene, dawk li ġew minn Ruma, kemm Lhud u kemm proseliti, nies minn Kreta u Għarab, aħna lkoll qegħdin nisimgħuhom ixandru bl-ilsna tagħna l-għeġubijiet ta' Alla!".

Il-Kelma tal-Mulej.

**Ġem:** **Irroddu ħajr lil Alla.**

## SEKWENZA

*Kulħadd iqum bilwieqfa.*

Lett: Spirtu s-Santu, ejja fina,
raġġ ta' dawl qaddis agħtina,
xerrdu f'ruħna mis-smewwiet.

**Ġem:** **O Missier il-foqra tiegħek,**
**inti ġġib id-doni miegħek,**
**tagħni b'dawlek qalb l-ulied.**

Lett: Inti l-aqwa faraġ tagħna,
fik kull hena x'ħin tkun magħna,
tħossok fewġa ħelwa r-ruħ.

**Ġem:** **Fl-għejja lejn is-serħ twassalna,**
**jekk imħeġġa wisq trażżanna,**
**mill-għajnejn tixxotta d-dmugħ.**

Lett: O dawl hieni ta' qdusija,
nitolbuk li bik mimlija
tkun il-qalb ta' kull fidil.

**Ġem:** **Mingħajr dawlek li jmexxina**
**ebda ħajr ma jkun hemm fina,**
**ebda safa fil-għemil.**

Lett: Naddaf kull fejn hemm it-tbajja',
fejn hemm nixfa reġġa' l-ħajja,
lill-miġruħ agħtih fejqan.

**Ġem:** **Rattab fina l-ebusija,**
**agħti lill-berdin bżulija,**
**għin fit-triq lil min beżgħan.**

Lett: Agħti s-seba' doni tiegħek
lil min jimxi fidil miegħek
u li fik jistrieħ kull ħin.

**Ġem: Agħti 'l kull virtù sabiħa**
**ħlas ta' salvazzjoni sħiħa,**
**agħti l-ġenna lit-tajbin.**
**Ammen. Hallelujah.**

## VERSETT QABEL L-EVANĠELJU

**Kant: Hallelujah. Halleluljah.**

Lett: Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek
u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.

**Kant: Hallelujah.**

## L-EVANĠELJU

Saċ: Il-Mulej magħkom.
**Ġem: U miegħek ukoll.**

Saċ: Qari mill-Evanġelju mqaddes skond San Ġwann.
**Ġem: Glorja lilek, Mulej.**

Dak il-Ħadd filgħaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom; u qalilhom: "Is-sliem għalikom!".

Kif qal hekk uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej. Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif Missieri bagħat lili, hekk jiena nibgħat lilkom".

Kif qal hekk nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma".

Il-Kelma tal-Mulej.
**Ġem:** **Tifħir lilek, Kristu.**

## OMELIJA

## STQARRIJA TAL-FIDI (Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija)

Ċel: Temmen f'Alla l-Missier li jista' kollox li ħalaq is-sema u l-art?
Ġem: **Iva nemmen.**

Ċel: Temmen f'Ġesù Kristu, Sidna, l-Iben Tiegħu Waħdieni, li twieled minn Marija Verġni,u bata u miet u difnuh, qam minn bejn l-imwiet u qiegħed fil-lemin tal-Missier?
Ġem: **Iva nemmen.**

Ċel: Temmen fl-Ispirtu s-Santu, il-knisja Mqaddsa Kattolika, ix-Xirka tal-Qaddisin, il-maħfra tad-dnubiet, il-qawma ta' l-Imwiet, u fil-ħajja ta' dejjem?
Ġem: **Iva nemmen.**

Ċel: U Alla li jista' kollox, Missier Sidna Ġesù Krist, li nissilna mill-ġdid bl-ilma u l-Ispirtu s-Santu u tana wkoll il-maħfra ta' dnubietna, iħarisna bil-grazzja tiegħu f'Ġesù Kristu għall-ħajja ta' dejjem.

Ġem: **Ammen.**

*Iċ-ċelebrant iraxxax il-ġemgħa bl-ilma mbierek. Isir il-kant:*

**Kant: Ammen. Ammen. Ammen (Apok 7,12-14)**

A. Ammen. Ammen. ammen!
Ammen. Ammen. ammen!
Ammen. Ammen. ammen!
Barka u glorja,
kull għerf
u radd il-ħajr
nagħtu lil Alla!
Ammen. Ammen. ammen! (x3)

K. Ġieħ u qawwa, kull saħħa;
ġieħ u qawwa nagħtu lil Alla.

A. Barka u glorja,
kull għerf
u radd il-ħajr
nagħtu lil Alla!
Ammen. Ammen. ammen! (x3)

K. Min huma, u minn fejn ġejjin?
Min huma, u minn fejn ġejjin?

A. Huma dawk li ġejjin
mit-taħbit il-kbir.
Huma dawk li ġejjin
mit-taħbit il-kbir.
U ħaslu lbieshom
u bajduhom
fid-demm tal-Ħaruf,
fid-demm tal-Ħaruf.

Huma dawk li ġejjin
mit-taħbit il-kbir.
Huma dawk li ġejjin
mit-taħbit il-kbir.

A. Ammen. Ammen. ammen!
Ammen. Ammen. ammen!
Ammen. Ammen. ammen!

## TALBIET TAL-FIDILI

Ċel: Ħuti għeżież, imqawwijin bid-don tal-Ispirtu s-Santu, li jidħol għalina quddiem il-Missier bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem, ejjew nerfgħu leħinna lejn il-Mulej Alla tagħna, u nressqulu t-talb tagħna.

Qarr: Għall-Papa, għall-isqfijiet u l-presbiteri sabiex b'fedeltà sħiħa lejn Kristu u lejn il-Knisja, bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu jkomplu ikunu xandara u xhieda tal-imħabba u l-ħniena ta' Kristu fid-dinja, kif ġara f'jum Pentekoste. Nitolbu.

**Ġem: Ismagħna, nitolbuk, Mulej.**

Qarr 2: Għall-Knisja ta' Kristu, mimlija ħeġġa u zelu sabiex bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu tkompli twassal lid-dinja l-Vanġelu u x-xhieda ħajja tal-imħabba. Nitolbu.

**Ġem: Ismagħna, nitolbuk, Mulej.**

Qarr 3: Għall-Insara kollha sabiex jagħrfu jiskopru is-sinjali tal-preżenza tal-Mulej fil-ġrajjiet tal-istorja tad-dinja, u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu jimpenjaw ruħhom għal dinja aħjar b'ġesti ta' solidarjietà, ta' servizz, u ta' maħfra. Nitolbu.

Ġem: **Ismagħna, nitolbuk, Mulej.**

Qarr 4: Għall-missjunarji li jħabbru u jwasslu l-messaġġ tal-Vanġelu fl-artijiet tal-missjoni, sabiex ix-xogħol tagħhom ikun mwieżen bil-preżenza tal-Ispirtu s-Santu u jkunu mimlija b'ferħ u paċi tal-qalb. Nitolbu

Ġem: **Ismagħna, nitolbuk, Mulej.**

Qarr 5: Għad-djoċesi tagħna sabiex bid-dawl tal-Ispirtu s-Santu tkompli timpenja ruħha f'evanġelizzazzjoni ġdida u hekk ħafna nies jagħrfu l-bżonn tas-smigħ tal-Kelma t'Alla li twassalhom sabiex ikun tassew Insara maturi. Nitolbu.

Ġem: **Ismagħna, nitolbuk, Mulej.**

Qarr 6: Għal din il-ġemgħa miġbura, sabiex f'għeluq dan iż-żmien tal-Għid fil-preżenza tal-Ispirtu s-Santu tgħix kull jum il-wegħdiet tal-Magħmudija u l-frott tal-Ispirtu. Nitolbu.

Ġem: **Ismagħna, nitolbuk, Mulej.**

Ċel: Kompli sawwab fuqna, Mulej, il-grazzja tiegħek, biex aħna li rċevejna d-don tal-Ispirtu Qaddis tiegħek, inkomplu nitqawwew fil-ħajja ta' ġewwa, biex nagħmlu frott spiritwali bil-kotra. Bi Kristu Sidna.

Ġem: **Ammen.**

# IL-LITURĠIJA EWKARISTIKA

## L-OFFERTA TAL-ĦXEJJEX U TAL-FROTT, U TAL-ĦOBŻ U L-INBID

*Waqt li jitressqu l-offerti, il-kor u l-ġemgħa jkantaw:*

**Kant: Noffrulek Mulejja**

Ilqa', Mulejja, dal-ħobż u nbid,
lilek noffruhom, Ħallieq u Sid;
il-ħobż li noffru f'ġismek mibdul;
inti tkun qribna matul il-jum.

Bierek, Mulejja, l-għeneb magħsur,
frott ix-xogħol tagħna, lilek nagħtuh;
minn sbiħ il-għodu sa nżul ix-xemx,
noffru ħidmietna b'tant ħidma u ferħ.

Grazzi, Mulejja, tal-ikel bnin
li tipprovdilna, kuljum, kull ħin.
Ilqa', Mulejja, dal-ħobż u nbid,
lilek noffruhom, Ħallieq u Sid.

Ċel: Itolbu, ħuti, biex is-sagrifiċċju tiegħi u tagħkom
ikun jogħġob lil Alla l-Missier li jista' kollox.

**Ġem: Jilqa' l-Mulej minn idejk is-sagrifiċċju
għat-tifħir u l-glorja ta' ismu,
għall-ħtiġijiet tagħna
u tal-Knisja mqaddsa kollha tiegħu.**

## Talba fuq l-Offerti

Ċel: Xerred, Mulej, il-barka tal-Ispirtu tiegħek
fuq l-offerti li ġibna quddiemek,
u għin lill-Knisja tiegħek
biex turi f'dawl qawwi lid-dinja kollha
il-verità tal-misteru tas-salvazzjoni.
Bi Kristu Sidna.

**Ġem:** Ammen.

## IT-TALBA EWKARISTIKA

Ċel: Il-Mulej magħkom.

**Ġem: U miegħek ukoll.**

Ċel: Nerfgħu qlubna 'l fuq.

**Ġem: Nerfgħuhom lejn il-Mulej.**

Ċel: Niżżu ħajr lill-Mulej Alla tagħna.

**Ġem: Hekk sewwa u xieraq.**

Ċel:

Sewwa u xieraq tassew,
Mulej, Missier Qaddis, Alla ta' dejjem li tista' kollox,
tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna
li dejjem u kullimkien irroddulek ħajr.

Għax int, biex ittemm il-Misteru tal-Għid,
illum għoġbok tagħti l-Ispirtu s-Santu
lil dawk li għamilthom ulied adottivi tiegħek
u seħibthom ma' Ibnek il-waħdieni;
u l-Ispirtu s-Santu, fil-bidu tal-Knisja,
ta lill-ġnus kollha biex jagħrfu lil Alla,
u għaqqad f'xirka waħda l-ħafna ilsna
fl-istqarrija ta' fidi waħda.

Għalhekk f'dan il-ferħ tal-Għid,
imxerred ma' kullimkien fid-dinja,
il-bnedmin kollha jimtlew bil-hena.
U l-Qawwiet tas-sema mas-setgħat tal-Anġli
jinsġulek innu ta' glorja,
u bla heda jtennulek:

**Kant: Qaddis**

Qaddis, qaddis, qaddis il-Mulej Alla tal-eżerċti,
Qaddis, qaddis, qaddis il-Mulej Alla tal-eżerċti.
Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek.
Hosanna, hosanna, hosanna fil-għoli tas-sema.
Hosanna, hosanna, hosanna fil-għoli tas-sema.
Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.
Hosanna, hosanna, hosanna fil-għoli tas-sema.
Hosanna, hosanna, hosanna fil-għoli tas-sema.

**Ċel:**
Qaddis tassew int, Mulej,
u jistħoqqlok it-tifħir tal-ħolqien kollu,
għax b'Ibnek Ġesù Kristu Sidna
u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu,
inti tagħti l-ħajja, kollox tqaddes,
u tibqa' dejjem tiġbor għalik poplu
biex, minn tlugħ ix-xemx sa nżulha,
issirlek offerta safja.

**ĊĊ:**
Għalhekk, Mulej,
ġejna quddiemek b'dawn l-offerti,
biex ikunu kkonsagrati lilek.
Miċ-ċokon tagħna nitolbuk:
qaddishom bl-Ispirtu tiegħek
biex isiru l-Ġisem u † d-Demm

ta’ Ibnek Ġesù Kristu Sidna
li bi kmandament tiegħu
qegħdin niċċelebraw dan il-misteru.

Għax hu, fil-lejl li fih ingħata għalina,
ħa l-ħobż,
raddlek il-ħajr, bierek, qasam,
ta lid-dixxipli tiegħu u qal:

**Ħudu u kulu lkoll minn dan:**

**għax dan huwa Ġismi**

**li jingħata għalikom.**

Hekk ukoll, wara l-ikla,
ħa l-kalċi, raddlek il-ħajr, bierek,
ta lid-dixxipli tiegħu u qal:

**Ħudu u ixorbu minnu lkoll:**

**għax dan huwa l-kalċi ta’ Demmi**

**tal-Patt il-Ġdid li jibqa’ għal dejjem:**

**id-Demm li jixxerred għalikom**

**u għall-bnedmin kollha,**

**għall-maħfra tad-dnubiet.**

**Agħmlu dan b’tifkira tiegħi.**

Ċel: Dan hu l-Misteru tal-Fidi.

## Il-kor u l-ġemgħa jkantaw: Għażiż Mulej

Għażiż Mulej, kull tifħir nagħtik,
inħobbok wisq, nadurak kull ħin.
Ilqa' dat-talb li hu ħiereġ mill-qalb,
bħall-fwieħa tal-ward jew bħall-inċens
tul is-snin.

**ĊĊ:**
Għalhekk, Mulej, aħna u nagħmlu dan
b'tifkira tal-Passjoni li biha Ibnek fdiena
u tal-Qawmien u t-tlugħ glorjuż tiegħu fis-sema,
aħna li qegħdin nistennew u nittamaw it-tieni miġja tiegħu
b'radd il-ħajr noffrulek
dan is-sagrifiċċju ħaj u qaddis.
Ħares, nitolbuk, lejn l-offerta tal-Knisja tiegħek,
agħraf fiha l-Vittma li bis-sagrifiċċju tagħha
ridt terġa' tħabbibna miegħek;
agħmel li aħna, li se nissaħħu bil-Ġisem u d-Demm ta' Ibnek,
nimtlew bl-Ispirtu qaddis tiegħu
u nkunu ġisem wieħed u ruħ waħda fi Kristu.

**Konċ 1:**
Nitolbuk li hu jagħmel minna offerta
li tibqa' għal dejjem quddiemek,
biex inkunu nistgħu niksbu l-wirt
mal-magħżulin tiegħek:
mal-Verġni mqaddsa, Omm Alla, Marija,
mal-Appostli u l-Martri glorjużi tiegħek,
u mal-qaddisin kollha
li, kif nittamaw, jidħlu dejjem għalina quddiemek.

**Konċ 2:**
Agħmel, nitolbuk, Mulej,
li din il-Vittma li terġa' tħabbibna miegħek

tkun ta' sliem u salvazzjoni għad-dinja kollha.
Wettaq fil-fidi u fl-imħabba l-Knisja tiegħek
tul il-mixja tagħha fid-dinja:
il-qaddej tiegħek il-Papa Benedittu XVI,
l-isqof tagħna Mario,
l-isqfijiet u l-ministri kollha tiegħek,
u l-poplu kollu li int ksibt għalik.

Ilqa' bit-tjieba
t-talb u x-xewqat ta' din il-familja
li inti ridtha tinġabar madwarek.
Agħder, Missier ħanin,
lil uliedek kollha kull fejn jinsabu,
u għaqqadhom miegħek ilkoll.

Ħenn għal ħutna mejtin
u għal dawk kollha li ħallew din il-ħajja
fis-sewwa tiegħek:
daħħalhom fis-saltna tiegħek
fejn nittamaw li aħna wkoll għad naslu,
biex, ilkoll flimkien,
nitgħaxxqu għal dejjem bis-sebħ tiegħek,
bi Kristu Sidna,
li bih inti tfawwar id-dinja b'kull ġid.

**Ċel u ĊĊ:**
Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu,
jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox,
flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
kull ġieħ u glorja
għal dejjem ta' dejjem.

**Ġem:** **Ammen.**

# IR-RIT TAT-TQARBIN

**Ċel:** Ejjew nitolbu u nkantaw flimkien
kif għallimna u riedna nagħmlu
l-Iben ta' Alla għas-salvazzjoni tagħna.

**<u>Kant: Missierna</u>**

Missierna illi inti fis-smewwiet,
jitqaddes l-isem tiegħek,
jitqaddes l-isem tiegħek,
tiġi saltnatek,
ikun dak li trid inti,
ikun dak li trid inti,
fis-sema hekkda fl-art.

Ħobżna, ħobżna ta' kuljum
agħti, agħtina llum,
aħfrilna d-dnubiet tagħna,
aħfrilna d-dnubiet tagħna,
bħalma aħna wkoll naħfru
lil min ħati għalina,
la ddaħħalniex fl-ebda tiġrib,
iżda eħlisna minn kull deni.
Missierna.

Ċel: Eħlisna, nitolbuk, Mulej minn kull deni;
agħtina fit-tjieba u l-ħniena tiegħek
il-paċi fi żmienna
biex inkunu ħielsa dejjem mid-dnub
u mħarsa minn kull inkwiet,
aħna u nistennew u nittamaw
il-hena u l-miġja tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu.

**Ġem:** **Għax tiegħek hi s-saltna,**
**il-qawwa u l-glorja għal dejjem.**

Ċel: Mulej Ġesù Kristu,
li għidt lill-Appostli tiegħek:
"Inħallilkom is-sliem, nagħtikom is-sliem tiegħi",
la tħarisx lejn dnubietna,
iżda ħares lejn il-fidi tal-Knisja tiegħek,
agħtiha s-sliem u l-għaqda li inti trid fiha,
int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.
**Ġem:** **Ammen.**

## RIT TAL-PAĊI

Ċel: Il-paċi tal-Mulej tkun dejjem magħkom.
**Ġem:** **U miegħek ukoll.**

Djk: Agħtu l-paċi lil xulxin.

## Kant: Ħaruf t'Alla

O Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja,
għalina ħenn Mulej. Għalina ħenn Mulej.
O Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja,
għalina ħenn Mulej. Għalina ħenn Mulej.
O Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja,
agħtina l-paċi. Agħtina l-paċi. Agħtina l-paċi.

## STEDINA GĦAT-TQARBIN

Ċel: Dan hu l-Ħaruf ta' Alla,
dan hu li jneħħi d-dnubiet tad-dinja:
henjin dawk li huma mistiedna għall-Ikla tal-Ħaruf.

**Ġem:** **Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi,
iżda għid kelma waħda, u ruħi tkun imfejqa.**

## Kant għal waqt it-Tqarbin:

### Anima Christi

***Anima Christi, sanctifica me.***
***Corpus Christi, salva me.***
***Sanguis Christi, inebria me.***
***Aqua lateris Christi, lava me.***

Passio Christi, conforta me.
O bone Jesu, exaudi me.
Intra vulnera tua absconde me.

***Anima Christi…***

Ne permittas a te me separari.
Ab hoste maligno defende me.
In hora mortis meae voca me.

***Anima Christi…***

Et iube me venire ad te,
ut cum Sanctis tuis laudem te.
per infinita sæcula sæculorum. Amen.

***Anima Christi…***

## Il-Ħobż tal-ħajja

Il-ħobż tal-ħajja ġdida,
ħobż tas-sema mogħti lill-bnedmin,
ikel veru għall-għixien tad-dinja,
don u grazzja ta' rigal divin.

Inti frotta l-aktar bnina
illi tat is-siġra tal-ħajjin;
Adam minnha qatt ma seta' jiekol,
fi Kristu l-għotja lill-bnedmin.

***Rit.*** Ħobż ta' ħajja ġdida
demmu biex jifdina,
ikel ġismu, demmu xorb jagħtina,
grazzja u għixien għad-dinja kollha.

Id-demm tal-ħajja ġdida
moħmi b'nar l-Ispirtu s-Santu,
nar iħeġġeġ ġewwa qalb il-bniedem,
nar li jsaffi d-dinja kollha.

Bil-qsim tal-ħobż imbierek
inti taqtal-ġuħ tal-bnedmin,
biex lill-fqajjar u lid-dgħajjef tmantni
għax jirċievi l-ħajja tiegħek. ***Rit.***

Henjin dawk li mistiedna,
tal-Ħaruf l-ikla imħejjija,
l-għerf tas-sema jiġi mogħti 'l-bniedem
u bil-grazzja 'l qalbu jimla.

Dan hu l-patt tal-imħabba,
patt li jgħaqqad l-art u s-sema.
Nieħdu sehem ilkoll minn ħobża waħda,
kalċi wieħed li għaqqadna. ***Rit.***

L-inbid li jnissel l-hena,
don tas-sema mogħti lill-bnedmin,
frott id-dielja, xogħol idejn il-bniedem,
don u grazzja ta' rigal divin.

Jekk magħqud iz-zokk mal-friegħi
mhux in-nixfa imma l-ħajja,
hekk jimliena bil-grazzja divina
jiġri fina demm l-imħabba. ***Rit.***

Inti saċerdot għal dejjem,
sirt l-altar u fuqu l-vittma,
lill-Missier l-offerta safja toffri
b'sagrifiċċju frott l-imħabba.

Tempju ħaj il-ġisem tiegħek
għat-tifħir tal-Knisja kollha,
mill-kustat minfud ħarġet il-ħajja,
b'demmek il-għażiż int fdejtna. ***Rit.***

Il-Ħaruf divin li nqatel,
fid-demm tiegħu ksibna l-ħelsien,
it-tifkira tal-Għid imqaddes,
patt il-ġdid tal-ħajja ġdida.

Il-manna nieżla mis-sema
bgħatt lill-poplu tiegħek f'mixja,
kenn u qawwa waqt il-prova iebsa
int għall-Knisja u għad-dinja. ***Rit.***

## TALBA WARA T-TQARBIN

Ċel: Nitolbu.
Agħmel, Mulej,
li t-tqarbina li għamilna tiswielna ta' ġid,
billi tħeġġiġna dejjem iżjed b'dak l-Ispirtu
li int, b'mod tal-għaġeb,
sawwabt fuq l-Appostli tiegħek.
Bi Kristu Sidna.

**Ġem: Ammen.**

## Inċensazzjoni talx-xbieha tal-Verġni Marija u kant tar-Regina Caeli

V. Regina caeli, laetare, alleluia.

**R. Quia quem meruisti portare, alleluia.**

V. Resurrexit, sicut dixit, alleluia.

**R. Ora pro nobis Deum, alleluia.**

# IR-RIT TAL-GĦELUQ

Saċ: Nitolbu l-barka ta' Alla.

Ċel: Il-Mulej magħkom.
**Ġem: U miegħek ukoll.**

Ċel: Ikun imbierek isem il-Mulej.
**Ġem: Minn issa u għal dejjem.**

Ċel: L-għajnuna tagħna f'isem il-Mulej.
**Ġem: Li għamel is-sema u l-art.**

Ċel: Iberikkom Alla li jista' kollox,
† il-Missier, u † l-Iben, u † l-Ispirtu s-Santu.
**Ġem: Ammen.**

Saċ: Morru fil-paċi ta' Kristu. Hallelujah. Hallelujah.
**Ġem: Irroddu ħajr lil Alla. Hallelujah. Hallelujah.**

**<u>Kant: Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej</u>**

**Rit: Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej**
**u l-Ispirtu tiegħi jifraħ**
**f'Alla s-Salvatur tiegħi.**

Għaliex hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel isejjaħli hienja. **Rit:**

Għax is-Setgħani għamel miegħi
ħwejjeġ kbar.
Qaddis hu l-isem tiegħu. **Rit:**

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
u xerred lil dawk imkabbra f'qalbhom. **Rit:**

Niżżel il-għonja minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħthom 'il barra b'xejn. **Rit:**

Ħa ħsieb Israel qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,
bħalma wiegħed lil Abraham
u nislu għal dejjem. **Rit:**


IN FRACTIONE PANIS